MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 638/2014

**Rosanna Vassallo Kirpalani (ID No: 511566M) għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri binha Filippo Vassallo (Numru tal-Passaport Malti 0931688) u b'digriet tas-27 ta' Lulju 2014 Rosanna Vassallo Kirpalani giet mahtura kuratrici *ad litem* sabiex tirrapprezenta lill-minuri Filippo Vassallo, u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2014 l-Qorti ordnat l-intervent fil-kawza ta' Nicholas Vassallo**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Rosanna Vassallo Kirpalani għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri binha Filippo Vassallo datat 21 ta' Lulju 2014 fejn bir-rispett tikkonferma li taf il-fatti personalment u esponiet :

Illi l-minuri Filippo twieled nhar l-1 ta' Diċembru 1998 (ara **Dok. RK1** anness);

Illi l-minuri Filippo dejjem żamm u għamel użu minn żewġ kunjomijiet u ċioe' dak ta' missieru naturali u dak ta' kunjom ommu xebba flimkien mingħajr ebda problemi;

Illi fil-fatt, meta l-minuri kellu bżonn passaport, id-dipartiment tal-Passaporti ħareġ passaport għall-istess minuri biż-żewġ kunjomijiet u ċioe' 'Vassallo Kirpalani';

Illi l-istess imsemmi Filippo jixtieq isiefer fix-xhur li ġejjin u għalhekk ir-rikorrenti ommu imliet l-applikazzjoni relattiva sabiex jinħariġlu passaport ġdid f'ismu. Naturalment, l-aspettattiva kienet dik li isem u kunjom Filippo jkunu dawk indikati fil-passaport preċedenti tiegħu u ċioe' 'Filippo Vassallo Kirpalani';

Illi kien f'dan il-mument u ċioe' f'dawn l-aħħar ġranet li r-rikorrenti Rosanna u binha Filippo li skoprew mingħand id-Dipartiment tal-Passaporti li dan ma kienx possibbli u li l-passaport tal-istess Filippo seta' joħroġ biss bħala 'Vassallo' *stante* li fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu għandu mniżżel hekk;

Illi tul ħajtu kollha, Filippo kien konsistentement magħruf b'żewġ kunjomijiet u ċioe' l-kunjom Vassallo (dak ta' missieru) u 'Kirpalani' (kunjom ommu xbubitha) u t-tnejn li huma flimkien kienu kunjomu uffiċjali għas-snin kollha ta' ħajtu u sal-ġurnata odjerna kif inhu evidenzjat mis-segwenti dokumenti u kif ser jiġi ampjament evidenzjat fil-mori tal-kawża:

**A**. Kopja tal-Passaport ta' Filippo Vassallo li sal-ġurnata odjerna għadu validu *stante* li jiskadi f'Awwissu 2014;

**B**. Kopja tal-Income Tax Rebate Claim Form għall-iskejjel privati relattiva għas-sena 2013;

**C - F**. Kopji ta' ċertifikati skolastiċi ta' Filippo għas-snin 2007, 2008, 2010;

**G**. Kopja ta' ċertifikat maħruġ minn Pineapple Performing Arts School;

**H**. Kopja ta' ċertifikat maħruġ minn Neptunes W.P.S.C għas-sena 2012;

**I**. Kopji ta’ riċevuti maħruġa min-Neptunes Waterpolo & Swimming Club relattivi għas-snin 2008, 2009 u 2010;

**J**. Kopji ta’ riċevuti maħruġa minn St. Martin’s College relattivi għas-snin 2007, 2008 u 2011;

**K**. Kopja tan-*name tag* ta’ Filippo bħala parteċipant ta’ Joseph Calleja Choir 2011;

**L**. Kopja tal-*Mid-Yearly Record of Achievement* relattiv għas-sena skolastika 2007 – 2008 u Kopja tal-*Kindergarten Section* relattiva għas-sena 2001 - 2002;

**M**. Kopja ta’ dokument maħruġ minn Chiswick House School relattiv għas-sena 2007 - 2008;

**N**. Kopja tal-applikazzjoni ta’ Filippo relatata mas-Servizz Nazzjonali tat-Tilqim Floriana Health Centre Floriana datat is-27 ta’ Marzu 2008;

Illi hija x-xewqa tal-minuri Filippo li jibqa’ magħruf u dan anke b’mod uffiċjali bħala ‘Vassallo Kirpalani’ anke *in vista* tal-fatt li ma’ sħabu huwa magħruf hekk, iż-żewġ kunjomijiet (speċjalment dak ‘Kirpalani’ huwa parti mill-identita’ tiegħu) u fuq kollox jixtieq li kull ċertifikat li diġa’ għandu fil-pussess tiegħu ikun jaqbel u jikkumbaċa ma’ dawk iċ-ċertifikati li ser ikollu f’idejh fil-futur qarib;

Illi l-minuri Filippo wasal ukoll sabiex japplika għall-'O' Levels b'dan li hija x-xewqa tiegħu li kemm l-applikazzjoni kif ukoll iċ-ċertifikati li joħorġu jkunu jikkumbaċu mal-mod ta' kif inhu magħruf l-istess minuri u ċioe' 'Vassallo Kirpalani' anke sabiex ma jinħoloqx xi dubju dwar ta' min huma tali ċertifikati jew dwar l-identita' tiegħu;

Illi huwa fl-interess tal-partijiet kollha li ma jkun hemm ebda diskrepanza bil-mod ta' kif inhu magħruf il-minuri Filippo kemm b'mod uffiċjali kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum anke *in vista* tal-fatt li mhux normali li subien tal-eta' ta' 16-il sena li jbiddlu kunjomhom jew li minn żewġ kunjomijiet jaqgħu għal kunjom wieħed;

Ghaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara jekk hemm bżonn, illi r-rikorrent Filippo li twieled nhar l-1 ta' Diċembru 1998 huwa fil-fatt magħruf konsistentement bħala "Filippo Vassallo Kirpalani";

2. Tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tiegħu numru 4427 tas-sena 1998 billi tordna illi kunjom il-wild Filippo, iben Nicholas Vassallo jkun dak ta' 'Vassallo Kirpalani';

3. Tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tiegħu numru 4427 tas-sena 1998 billi tordna illi:

(i) fil-kolonna intestata *"Annotazzjonijiet"* jitniżżlu il-kliem *"il-kunjom għandu jkun 'Vassallo Kirpalani' billi dan huwa l-kunjom li huwa magħruf bih*, u

(ii) tagħti kull direttiva oħra li jidhrilha xierqa u opportuni;

4. Tordna illi kull bidla ordnata bis-saħħa ta' dina s-sentenza u in partikolari isem u kunjom il-minuri Filippo u kif għandu jissejjaħ jiġu riflessi f'kull att ta' stat ċivili relattiv inkluż iżda mhux limitatament għall-passaport tal-istess minuri Filippo u fejn ikun il-każ għal uliedu u ddixxendenti tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas- subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghat-30 ta' Settembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta' Settembru 2014 (fol 61) fejn espona: -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll l-esponent huwa tal-umli fehma li din il-kawza kellha tigi ntavolata wkoll mill-missier naturali tal-minuri Filippo Vassallo u mhux mill-omm biss.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li hafna mid-dokumenti li gew annessi mar-rikors promotur juru li l-minuri huwa maghruf bl-isem u bil-kunjom

**"Filippo Kirpalani Vassallo"** u mhux **"Filippo Vassallo Kirpalani".** Il-wild li jitwieled fiz-zwieg jiehu l-kunjom tal-missier u mieghu jista' jzid kunjom xbubit ommu u mhux bil-kontra kif gara f'dan il-kaz.

4. Illi iben ir-rikorrenti twieled fis-sena 1998 u dak iz-zmien fuq l-att tat-twelid ma kienx jitnizzel il-kunjom tat-tarbija izda biss isimha u dan kif jidher fid-dokument anness u mmarkat Dok "DRP 1". *Ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kap 1.6, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern iben ir-rikorrenti ha awtomatikament il-kunjom tal-missier biss u ghaldaqstant ghar-Registru Pubbliku hu ghadu meqjus bil-kunjom Vassallo biss.

5. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors tat-18 ta’ Lulju 2014 u d-digriet tal-Qorti tas-27 ta’ Lulju 2014 fejn laqghet it-talba u ordnat li Rosanna Vassallo Kirpalani tigi mahtura kuratrici *ad litem* sabiex tirrapprezenta lill-minuri binha Filippo Vassallo.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Settembru 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-tieni eccezzjoni tal-intimat Direttur ordnat l-intervent fil-kawza ta’ Nicholas Vassallo. Peress li l-minuri ghalaq is-16-il sena il-Qorti hasset li jkun opportun li tisma’ lil minuri kameralment fil-presenza tad-difensuri rigward it-talba dedotta fir-rikors. Il-Qorti wara li semghet ir-rikorrenti qieset ukoll li hemm raguni sabiex din il-kawza tinstema’ bl-urgenza, ghalhekk halliet l-kawza ghas-7 ta’ Ottubru 2014 fid-9:30a.m. sabiex ir-rikorrenti tirregola ruhha dwar l-intervent ordnat u biex tiffissa appuntament biex jinstema’ l-minuri.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Ottubru 2014 fejn Dr Testa nfurmat lill-Qorti li Nicholas Vassallo prezenta nota li biha ta ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat u ammetta t-talbiet, kif ukoll prezentat l-affidavits attrici. Il-Qorti ordnat lill-attrici prezenti sabiex iggib lit-tifel Filppo fis-Sigrieta nhar il-Hamis 9 ta' Ottubru 2014 fit-3:30p.m. sabiex il-Qorti tisma' lill-istess minuri rigward is-sustanza tat-talbiet. Id-difensuri tal-partijiet kellhom il-fakolta li jkunu prezenti ghal din il-laqgha. Il-kawza qed tigi differita ghall-14 ta' Ottubru 2014 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 li inzammet fis-seba' sular fis-Sigrieta tal-Imhallef fit-3:30pm. fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Carina Testa. Deher ukoll il-minuri Fillipo Vassallo. Il-Qorti tkellmet mal-minuri minghajr gurament sabiex ifisrilha l-hsibijiet u x-xewqat tieghu rigward it-talbiet in mertu. Wara li semghet lil minuri li ghandu 16-il sena l-Qorti hija tal-fehma li x-xewqa tieghu hi li kunjomu jsir ufficjalment Vassallo Kirpalani bhal ma hu maghruf l-iskola u fil-hajja socjali tieghu. Ir-rikorrenti nfurmat lill-Qorti li l-formoli ghall-applikazzjoni tal-MATSEC x'aktarx jaslu l-gimgha d-diehla u ghal gid tal-minuri l-kunjom ghandu jigi rrangat qabel ma jissottometti dawn l-applikazzjonijiet, u talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza ghall-14 ta' Ottubru 2014. Il-Qorti qieset li ghal din ir-raguni ser thalli l-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-14 ta' Ottubru 2014 fid-9:30a.m. u ordnat komunika mmedjata anke permezz tas-sistema eletronika lill-intimat, li ghandu sa nhar it-Tnejn 13 ta' Ottubru f'12:00p.m. sabiex jinforma lill-Qorti jekk ghandux xi oppozizzjoni fir-rigward.

Rat ir-risposta eletronika ta' Dr Maurizio Cordina tal-10 ta' Ottubru 2014, fejn ma sabx oggezzjoni li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, il-genituri konjugi Vassallo qed jitolbu li issir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid tal-minuri numru 4427 tas-sena 1998 billi jigi ordnat illi kunjom il-wild Filippo, jkun dak ta' 'Vassallo Kirpalani';

Illi saret id-debita pubblikazzjoni tar-rikors odjern *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-intimat Direttur eccepixxa preliminarjament li din il-kawza kellha tigi intavolata ukoll mill-missier naturali tal-minuri. Din l-eccezzjoni giet indirizzata billi giet ordnata l-intervent *in statu et terminis* ta' Nicholas Vassallo. Riferibbilment ghall-mertu tar-rikors odjern, l-intimat eccepixxa li *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern iben ir-rikorrenti ha awtomatikament il-kunjom tal-missier biss u ghaldaqstant ghar-Registru Pubbliku hu ghadu meqjus bil-kunjom Vassallo biss.

Ikkonsidrat li din it-talba mhix wahda ta' tibdil fil-kunjom, liema talba tkun inammissibbli u l-usanza wahidha ma tippermettihiex.[1] Lanqas ghall-korrezzjoni ta' zball fil-kunjom, izda talba sabiex dak li hu rikonoxxut u permess mill-Ligi stess, jinghata rikonoxximent formali. L-artikolu 4(3) stess ihalli li l-kunjom ta' wild legittimu jinbidel billi mal-kunjom tal-missier jista' jizdied il-kunjom xbubit l-omm. B' ezempju iehor nsibu l-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 16 li jghid li "tifel legittimat b' digriet tal-qorti jiehu l-kunjom tal-genitur li fuq talba tieghu jkun gie legittimat".

Huwa desumibbli minn dawn l-ezemplari "*illi fejn jokkorri u*

*jkun jidher gustifikat il-korrezzjonijiet huma awtorizzati biex tigi mharsa dik ir-regolarita` legali li tfittex li telimina d-difformita` bejn dak li jkun jirrizulta mir-registri ta' l-istat civili u r-realta` effettiva. Naturalment, ukoll, il-ligi tippermetti rettifiki minhabba certi zbalji materjali jew nuqqasijiet fl-*

[1] Ara ad. ez. "**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et"** (AC 29 ta' Novembru 1971), **"Damian Damian Schembri vs Direttur Cutajar vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001) u "**Joseph Cutajar vs Dr J Scicluna noe"** (Qorti tal-Appell – 14 ta' Frar 1947).

*atti*" (**"Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku"** (PA(PS) - dec. fit-30 ta' Gunju 2004).

Illi l-Qrati taghna rrikonoxxew talbiet simili fejn dak li hu rikjest hu l-aggunt ta' kunjom tal-omm jew tal-missier. Kif gie ritenut fil-kaz **"Karmnu Balzan Imqareb v Margaret Mortimer noe et"** fuq citat, *"….. il-pretiza aggunta bhala parti mill-kunjom, tal-kelma 'Imqareb', li hi ghal kollox estraneja ghall-kunjom li skont il-ligi jispetta lill-attur u hi ghal kollox arbitrarja (<u>m'hijiex lanqas il-kunjom ta' l-omm, aggunta li, kif fuq inghad, kienet tkun ammissibbli skont l-uzu</u>) m'hijiex legalment gustifikata ……"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ikkonsidrat li l-minuri twieled fl-1 ta' Dicembru 1998 u ghalhekk ghadu minorenni. Illum ghandu l-eta ta' sittax-il sena u certament kellu jinghata vuci diretta f'din il-kawza li timpingi direttament fuq l-identita' tieghu. Minn dak li semghet, il-Qorti hija soddisfatta minghajr l-ebda dubbju li t-talbiet odjerni jirriflettu mhux biss ix-xewqat tieghu, imma l-fehma li kunjomu kien u ghadu *Vassallo Kirpalani.*

Huwa minnu li fid-diversi dokumenti, inkluz dokumenti tal-iskola, certifikati u dokumenti ohra rilevanti ghall-hajja socjali u edukattiva tat-tifel, il-minuri juza l-kunjom *Kirpalani Vassallo* minnflok *Vassallo Kirpalani.* Izda dan hu spjegat mill-fatt li t-tifel jidentifika rabta qawwija mal-kunjom tal-omm - fattur li jsahhah ir-raguni ghaliex qed issir din it-talba u ghaliex it-tifel jixtieq li jkun maghruf biz-zewg kunjomijiet rispettivament tal-genituri tieghu.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u, inoltre, li f'kaz li t-talbiet jigu akkolti, m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez tal-kawza in kwantu mhuwiex responsabbli ghall-ebda zball.

Illi l-Qorti tikkonsidra li, fic-cirkostanzi, ir-rikorrenti ghandhom jissopportaw l-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ser tghaddi biex takkolji t-talbiet attrici salv ghall-kap tal-ispejjez.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **Tilqa'** t-talbiet attrici fis-sens li:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi r-rikorrent Filippo li twieled nhar l-1 ta’ Diċembru 1998 huwa fil-fatt magħruf konsistentement bħala “Filippo Vassallo Kirpalani”;

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tordna illi tali fatt jiġi rifless b’korrezzjoni tal-Att ta’ Twelid tiegħu numru 4427 tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) billi tordna illi kunjom il-wild Filippo, iben Nicholas Vassallo u Rosanna Vassallo nee` Kirpalani, jkun dak ta’ ‘Vassallo Kirpalani’;

3. **Tilqa'** t-tielet talba attrici fis-sens li ghandha ssir annotazzjoni fic-certifikat tat-Twelid imsemmi, billi fil-kolonna intestata "*Annotazzjonijet*", jitnizzlu l-kliem *"il-kunjom għandu jkun 'Vassallo Kirpalani' billi dan huwa l-kunjom li huwa magħruf bih*."

4. **Tilqa'** ir-raba' talba attrici u tordna illi kull bidla ordnata bis-saħħa ta' din is-sentenza u in partikolari isem u kunjom il-minuri Filippo jiġu riflessi f'kull att ta' stat ċivili relattiv u fejn ikun il-każ għal uliedu u ddixxendenti tiegħu.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------